**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 565/2023 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Vs**

**Adel Dawah**

**Illum 21 ta' Lulju, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Adel Dawah ta' 53 sena, iben Mahmoud u Aida imwieled is-Sirja nhar it-12 ta' Ottubru 1969, bla residenza, u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 528895M

Akkuzat talli fit-18 ta' Lulju 2023, ghall-habta ta' tmienja u nofs ta' filghaxija (20:30hrs), minn residenza 27/28 Triq Brighella, Hamrun:-

1. Ikkommetta serq ta' ghodda, liema serq huwa aggravat **bil-mezz u bil-valur**, billi l-valur tal-oggett jew oggetti misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq sar ghad-dannu ta' Mohamed Ismail Awad u/jew Ahmad Naasan Alhamo u/jew persuni ohra;

U aktar talli bejn id-19 ta' Lulju 2023 u l-20 ta' Lulju 2023, minn residenza 27/28 Triq Brighella, Hamrun:-

2. Ikkommetta serq ta' ghodda, liema serq huwa aggravat **bil-mezz u bil-valur**, billi l-valur tal-oggett jew oggetti misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq sar ghad-dannu ta' Ahmad Naasan Alhamo u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli rrenda ruhu **ricediv** ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitoli 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' Lulju 2023, sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat li l-imputazzjonijiet inqraw u gew ikkonfermati bil-gurament mill-ufficjal prosekutur nhar l-21 ta' Lulju 2023;

Rat illi fl-istess seduta datata 21 ta' Lulju 2023 l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedtti kontra tieghu u wara li l-Qorti tatu zmien opportun biex jirregola ruhhu huwa ikkonferma tali ammissjoni;

Il-Qorti wara li rat il-fedina penali ta l-impujtat u wara li ikkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom huwa akkuzat l-imputat, rat illi minkejja li l-imputat kien inghata diversi opportunitajiet biex jirregola hajtu huwa baqa' ma taghllimx u ghalhekk tqis li piena ta' prigunerija effettiva hija aktar idoneja fic-cirkostanzi.

**Decide:**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 263, 267, 279(a), 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Adel Dawah hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu, u qed tikkundannah ghal piena ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija effettiva.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**